MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 202/2004

**Giacomo u Remona konjugi Farrugia**

**Vs**

**Abraham Grima**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm215.21c (mitejn u hmistax-il lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li gara z-Zejtun fil-5 ta' Settembru 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru RIC 313 habat mal-vettura numru REM 184 proprjeta' ta' l-atturi u misjuqa mill-attrici Remona Farrugia, ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Oltre d-danni attrici, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta’ l-ittra nterpellatorja tat-13 ta’ Novembru 2003, dawk ta’ l-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tal-1 ta’ Dicembru 2003 u dawk ta’ l-ittra ufficjali (b’notifika wahda) pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba ghan-notifika ta’ l-assigurazzjoni tal-konvenut skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, flimkien ma’ l-imghax legali mill-1 ta’ Dicembru 2003 l-avviz sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Joseph Zammit McKeon jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------